MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2010

Numru. 30/2006

**Il-Pulizija**
**Supretendent Antonello Grech**
v

**JOSEPH RAPA**
**CARMEL RAPA**

**Il-Qorti;**

Rat lil imputati **JOSEPH RAPA** ta’ tnejn u sittin sena, bin Carmel u Pauline nee Spiteri, mwieled Ghajnsielem, Ghawdex nhar l-erbatax ta’ Frar 1944, u residenti 73, Triq il-Gnien, Ghajnsielem, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita` numru 15944G u **CARMEL RAPA** ta’ hamsin sena bin John u Rita nee Refalo, mwieled Ghajnsielem, Ghawdex nhar l-hmistax ta’ Settembru 1955, u residenti 37, Triq Sant’Antnin, Ghajnsielem, Ghawdex, detentur tal-

karta tal-identita`54355G gew imressqa quddiemha akkuzati talli:

1. Fit-tmienja w ghoxrin t'Awwissu 2006 ghal habta tat-tlieta w nos ta' filghodu f'Ghajnsielem, Ghawdex, voluntarjament ikkagunaw offiza gravi fuq il-persuna ta' Martin Xerri liema offiza kkagunat debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem, jew iggib difett permanenti f'parti t'ghamla tal-gisem;

2. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, qabdu oggett iebes u hebbew ghal Martin Xerri;

3. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi,

4. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kisru voluntarjament l-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

5. Lil **Joseph Rapa wahdu** talli sar recidiv b'sentenzi li sar definittivi u ma jistghux jigu mhassra.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-affidavit ta' Doctor Marlene Attard MD esibit a fol 31 tal-atti, l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat Joseph Rapa nhar t-tmienja w ghoxrin t'Awwissu 2006 esibita bhala Dok. AG 1 a fol. 37, l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat Carmel Rapa nhar t-tmienja w ghoxrin t'Awwissu 2006 esibita bhala Dok. AG 2 a fol. 39, c-certifikat mediku esibit bhala Dok. AG 3 a fol 40, l-okkorrenza relattiva esibita bhala Dok. CSH 4 a fol. 43 u l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar s-sebgha ta' Mejju 2007 [a fol. 113] sabiex fin-nuqqas ta' oggezzjoni da parti tal-imputati din il-Qorti tiddecidi fuq il-htija li tista tinstab kontra l-istess imputati.

Rat il-verbal tas-seduta tas-sbatax ta' Mejju 2007 minn fejn jirrizulta li l-imputati ddikjaraw li m'ghandhomx oggezzjoni li din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti [fol 122].

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni u lil imputati jixhdu min jeddhom b'mod voluntarju.

Semghet t-trattazzjoni tal-partijiet fis-seduta ta’ nhar l-Gimgha, hmistax ta’ Jannar 2010.

Ikkunsidrat:

Illi nhar s-sebgha ta’ Settembru 2006 xehed **Martin Xerri** (fol. 32) fejn qal li fit-tmienja w ghoxrin t’Awwissu 2006, filghodu kmieni ghal habta tas-saghtejn neqsin kwart ta’ filghodu, hu kien mal-bar tal-kazin tan-Nazzjonalisti f’Ghajnsielem. Qal li kien hemm fost l-ohrajn, l-familja Zerafa jitkellmu mieghu fuq il-festa. Qal li xi hin hu mar jirringrazzja lil tal-kazin ta’ dak kollu li ghamlu ghan-nies t’Ghajnsielem u ftit wara, meta hareg barra, semgha hafna ghajjat u hu hiereg mill-kazin u semgha lil Joseph Rapa jitkellem mal-partner tieghu u beda jerfa idejh fuqha u jaghti bil-goff u bil-ponn.

Qal li dak l-hin demmu ma tahx w ghalhekk mar fuq Joseph Rapa u qallu ‘mhux hekk’ ghal darba darbtejn u Joseph Rapa resaq fuqu ftit feroci u hu pprova jzomm ruhu lura. Qal li dak l-hin l-mara kienet mal-art. Qal li wara ftit sekondi, ma rahx izjed u wara ftit rega’ rah u qallu ‘*Issa Joe, ieqaf…*’ u dan qallu biex ma jindahalx u li hu (ix-xhud) ma kienx t’idejh pero li kien lest li joqtlu. Qal li dak l-hin hu rah jerfa idejh fuq din il-mara u jerga jitfaghha mal-art u hu (ix-xhud) rega’ pprova jifridhom, u pprova jerfa lil mara minn mal-art u f’dak il-hin li kien qed jipprova jerfa lil mara, <u>Joseph Rapa b’idu x-xellug qabad brick u tahielu f’ghajnejh l-leminija</u>.

Qal li kien l-imputat Joseph Rapa li xejjirlu daqqa fuq ghajnejh u bhala rizultat ta’ din id-daqqa hu tilef il-vista t’ghajnejh x-xellugija. Zied jghid li dak l-hin mar <u>l-imputat Carmel Rapa minn warajh, u tah daqqa ta’ siggu u spicca b’hames punti f’rasu. Qal li x’hin qala d-daqqa f’rasu, nizel mal-art, dar u ra lil imputat Carmel Rapa jnizzel siggu u tah bih u jitlaq jigri ‘l hemm.</u>

Qal li sussegwentement hu sab ruhu ghand l-familja Zerafa jaghtuh l-ewwel ghajnuna. Qal li mal-familja Rapa qatt ma kellu xi jghid hu, anzi qal li s-Sibt ta’ qabel ghamlu

*barbeque* u temaghhom kollha. Qal li kull ma ghamel f'din il-kwistjoni kien li pprova jifred mara milli tkompli taqla' daqqiet minn xi hadd li ma tiflahx ghalih. Qal li din il-mara tigi sekonda kugina mieghu. Qal li meta giet l-ambulanza ghalih, hu kellu *blurred vision* u kien qed jara kollox imzelleg. Qal li hu dak l-hin kien qal lil pulizija li kien waqa' sa x'hin mar l-isptar, pero sa dakinhar kien ghadu jara brick diehla f'ghajnejh. Qal li sussegwentement hu kien gie nvistat minn Doctor Vella, Konsulent tal-ghajnejn u dak l-lejl stess gie operat. Qal li dakinhar li kien qed jixhed kellu appuntament mal-Konsulent Thomas Fenech wkoll.

In kontr'ezami qal li veru li dakinhar kienu qed jixorbu pero hu kien *slow* fix-xorb tieghu dwar *drinks*. Qal li kien ilu hemm mis-siegha ta' filghodu u kull ma ha kienu zewg *drinks* tal-festa. Qal li l-aktar li ha dakinhar il-lejl kollu kienu hames fliexken birra u mill-kazin kien ha tlieta *whisky* bil-Coke. Mistoqsi jekk jafx lil xi mara ma l-imputat Joseph Rapa, wiegeb li ma jafx, jaf pero li hija l-partner tieghu. Cahad b'certezza li dakinhar hu kien ghannaq lil din il-mara. Qal li lanqas biss mess ma din il-mara. Qal li ma din il-mara jiltaqa' kuljum peress li joqghod f'rahal zghir u li sal-gurnata ta' qabel ma kien qed jixhed kien stieden lil din il-mara flimkien mal imputat ghal *barbeque* tal-festa.

Illi nhar s-sebgha ta' Settembru 2006 xehed l-allura **Spettur Antonello Grech** (fol. 35) fejn qal li nhar t-tmienja w ghoxrin t'Awwissu 2006, waqt li kien off duty, kien ircieva struzzjonijiet minghand s-superjuri tieghu sabiex jidhol jinvestiga glieda li kienet sehhet dakinhar filghodu. Qal li hu mar l-ghassa ghal habta tal-erbgha fejn sab lil PS 676 Eldon Spiteri li qallu li bil-lejl, waqt li kienu Ghajnsielem, kien ra lil Martin Xerri diehel f'ambulanza u li kien mar ikellmu sabiex jara x'kien gara u Martin Xerri kien irrispondih li kien waqa' u habat mal-bankina. Kompla jghid li PS 676 Eldon Spiteri kien qallu li fil-hdax ta' filghodu kienu marru xi familjari ta' Martin Xerri l-ghassa fejn qalu li dan ma kien xejn waqa imma kien hemm glieda w ghalhekk bdew l-investigazzjoni minn fejn irrizulta li kien hemm glieda fil-kazin tan-Nazzjonalisti

f'Ghajnsielem. Qal li hu sar jaf wkoll li Martin Xerri kien l-isptar fejn kien qed jigi operat f'ghajnejh u li kien ser jitlef d-dawl t'ghajnejh. Ix-xhud zied jghid li mill-investigazzjoni li hu ghamel, rrizulta li dawk li kienu nvoluti fil-glieda kienu Carmel Rapa u Joseph Rapa w ghalhekk talab lil Magistrat tal-Ghassa sabiex johroglu *warrants* u fil-fatt dawn t-tnejn gew arrestati.

Qal li hu kien kellimhom wara li tahom s-solita twissija u hadilhom stqarrija. Zied jghid li Joseph Rapa kien ghazel li jirrispondi ghad-domandi li sarulu w anke ffirma l-istqarrija li esibixxa bhala Dok. AG 1 fejn ikkonferma l-firma tieghu fuqha, dik ta' PS 676 Eldon Spiteri kif wkoll tal-istess imputat Joseph Rapa, filwaqt li l-imputat Carmel Rapa kien ghazel li ma jirrispondi ghal ebda domanda w ghazel li ma jiffirmax l-istqarrija li esibixxa bhala Dok. AG 2, fuq liema stqarrija x-xhud ikkonferma l-firma tieghu kif wkoll dik ta' PS 676 Eldon Spiteri. Ix-xhud esibixxa wkoll certifikat mahrug minn Doctor Marlene Attard bhala Dok. AG 3 (fol. 40)

Illi nhar s-sebgha ta' Settembru 2006 xehed **PS 676 Edelon Spiteri (**fol. 41) fejn qal li nhar t-tmienja w ghoxrin t'Awwissu 2006, ghal habta tad-disgha w nofs ta' filghodu hu kien xoghol waqt l-festa t'Ghajnsielem meta gie nfurmat minn PC 1014 li kien hemm xi argument fil-Kazin tan-Nazzjonalisti f'Ghajnsielem w ghalhekk mar minnufih fuq il-post. Qal li meta wasal hemmhekk, sab lil imputat Joseph Rapa li gharaf presenti fl-awla, li kien qed jitkellem ma mara f'nofs t-triq. Ix-xhud spjega li hu kien kellmu u dan kien qallu li kien inqala x'argument bejnu u bejn dik l-mara fuq flus u f'hin minnhom gie Martin Xerri. Zied jghid li Joseph Rapa kien qallu li Martin Xerri kien aggredih. Qal li Joseph Rapa qallu wkoll li xtaq jerga jmur jixrob hdejn il-kazin u hu (x-xhud) rrispondih li kien ikun ahjar li jmur 'l hemm minhabba dan l-argument. Qal li hu kien ha d-dettalji ta' Joseph Rapa. Ix-xhud kompla jghid li lil Martin Xerri haduh bl-ambulanza l-isptar u hu mar warajh. Qal li kien hemm ragel bid-demm ma wiccu u staqsieh x'kien gara u dan qallu li ma kellux x'xjambihom u ma riedtx jaghmel *shows* bihom. Qal li meta staqsih x'kien gara dan Martin Xerri kien qallu li kien waqa u li kien

habat rasu mal-bankina u meta staqsih jekk kienx gie mbuttat minn xi hadd, dan wiegbu fin-negattiv. Qal li hu ha wkoll d-dettalji ta' Martin Xerri. Zied jghid li l-ghada, gie nfurmat li Martin Xerri kien tilef l-vista t'ghajnejh w ghalhekk informa b'dan lis-superjuri tieghu. Zied jghid li oht l-vittma kienet taghtu lista ta' nies li kienu fuq il-post bhala xhieda. Qal li hu kien kiteb kollox fl-okkorrenza relattiva li esibixxa bhala Dok. CSH 4. Qal li meta hu ra lil Martin Xerri dakinhar, kien diga gie medikat minn nurse u kellu faxxa ma wiccu u kellu dmija nizel fuq wiccu. Qal li lilu hadd m'indikalu li kien hemm xi *bricks* involuti w ghalhekk ma tax kaz.

Qal li d-diversi xhieda li hu kien kellem, kollha qalu li ma kienu raw xejn pero certu Steve kien qallu li kien ra lil imputat Joseph Rapa jillatika ma mara u li f'hin minnhom waqghu t-tnejn mal-art u f'hin minnhom Martin Xerri inqala biex jifridhom u laqqat daqqtejn. Ix-xhud ikkonferma l-kontenut tal-okkorrenza Dok. CSH 4. Mistoqsi jekk hu xammx riha ta' xorb fuq Martin Xerri waqt li kien qed ikellmu, wiegeb li ma jiftakarx. Qal li x'hin giet l-ambulanza, Martin Xerri tela wahdu u hu (ix-xhud) qaghad ma gembu u deher li kien *straight* u li ghalih Martin Xerri kien normali.

Illi **Stephen Cutajar** xehed nhar s-sebgha ta' Settembru 2006 (fol 49) fejn qal li nhar t-tmienja w ghoxrin t'Awwissu 2006, hu kien Ghajnsielem igawdi l-festa bilqeghda fuq bank quddiem d-dar tal-familja Zerafa. Qal li hemmhekk kien hemm diversi nies fis-sakra u jixorbu u fosthom kien hemm Martin Xerri jixrob u jiehu pjacir. Qal li hu ra lil Marija li tigi l-mara tal-imputat Joseph Rapa taqa' kemm il-darba mal-art ghaliex kienet fis-sakra. Qal li ra wkoll lill-imputat Joseph Rapa jaghmel ghal martu u jimbuttaha pero ma kienx jaf ghaliex. Qal li kien semgha li ghaliex kienet haditlu l-flus biex ma jixrobx aktar. Qal li dak l-hin Martin Xerri kien qed jipprova jifred lill-imputat Joseph Rapa minn ma martu biex ma jkomplix isawwatha. Zied jghid li f'hin minnhom l-imputat Joseph Rapa gie mifrud minn ma martu u tpogga 'l boghod minnha tul tal-awla.

Qal li jekk ma kienx sejjer zball, kien Martin Xerri li beda jimbuttah lil hinn pero l-imputat Joseph Rapa rega' mar fejn kien Martin Xerri hdejn il-bar tal-kazin. Qal li dak l-hin mar jilqghu f'nofs t-triq u l-imputat Joseph Rapa lil Martin Xerri beda jghidlu '*lili hallini ghax m'inhiex ta' tamparek*' w imbuttaw lil xulxin Joseph Rapa u lil mara. Qal li f'hin minnhom Martin Xerri qabadhom t-tnejn u tefaghhom mal-art. Qal li dak l-hin kienet ghadha ma saret ebda daqqa ta' ponn. Qal li dan ma riedtx joqghod w imbuttah bis-siggu, u messu kemm kemm bis-siggu u tah diversi daqqiet bil-ponn u bis-siggu. Qal li dak l-hin mar iqajjem lil Marija minn mal-art u x'hin dar l-imputat Joseph Rapa, qam mill-art u kellu *brick* f'idejh u ta daqqa biha f'mohh jew f'ras Martin Xerri. Qal li kien dak l-hin meta Martin Xerri mar jigbor l-mara minn mal-art u x'hin dar sab lil Joseph Rapa bil-*brick* u lanqas kellu cans jilqghu.

Qal li x'hin Martin Xerri qala d-daqqa meta kien mal-*bar* tal-Coca, qisu nizel gharkopptejh u x'hin rega' qam, l-imputat Carmel Rapa tah daqqa ta' siggu f'rasu u laqtu f'rasu. Qal li kif dahal fl-istorja l-imputat Carmel Rapa ma kienx jaf pero kien cert li l-imputat Carmel Rapa kien taha daqqa ta' siggu fuq ras Martin Xerri. Qal li hu kien dawwar rasu bid-daqqa li qala Martin Xerri u tar xi demm. Qal li l-pulizija kienu baghtu ghalih l-ghada u qalilhom l-versjoni tal-fatti kif spjegaha l-Qorti. Qal li Mario Hili kien wkoll presenti fl-ekwati u li Mario Hili ra l-incident ghaliex jekk ma kienx sejjer zball, qala xi daqqiet wkoll. Qal li Mario Hili kien boghod minnu xi hamsa w ghoxrin pied.

Illi nhar s-sebgha ta' Settembru 2006 xehdet **Loreta Azzopardi (**fol. 51) fejn qalet li tiftakar li dakinhar tal-festa kienu bil-qeghda jiedhu *drink* hi u zewgha quddiem l-kazin tan-Nazzjonalisti f'Ghajnsielem. Qalet li f'xi l-kwarta ta' filghodu telqet lejn d-dar u fis-siegha ta' filghodu kienet rieqda u qamet fil-hamsa ta' filghodu. Qalet li l-incident hi ma ratux u saret taf bih l-ghada fil-hdax ta' filghodu.

Illi nhar s-sebgha ta' Settembru 2006 xehdet **Loreta Farrugia (**fol. 57) fejn qalet li dakinhar tal-incident hi kienet bilqeghda quddiem l-*bar* tal-kazin tan-Nazzjonalisti f'Ghajnsielem u f'xi hin rat lil imputat Joseph Rapa jghajjat

mal-mara ghaliex kienet haditlu xi flus. Qalet li dan beda jsawwatha bl-ikrah u jsabbtilha rasha mal-bank lil mara. Qalet li f'xi hin ħuha Martin Xerri dahal biex jifridhom u jiddefendi lil din il-mara ghaliex kienet s-sekonda kugina tieghu. Qalet li wara ftit din is-sitwazzjoni kkalmat ftit. Qalet li tiftakar li l-imputat Joseph Rapa kien qal lil ħuha Martin '*dik il-mara tieghi*' u ħuha kien irrispondih li ma kienx qed jittantaha imma kien qed jipprotegiha u l-imputat Joseph Rapa dar fuq ħuha u qallu '*jien lilek ilni biex noqtlok*'. Qalet li fid-daqqa w il-hin minghajr ma taf minn fejn gie, l-imputat Joseph Rapa rega' ta daqqa ta' ponn lil mara u ħuha rega' mbuttaha 'l hemm u Joseph Rapa mar iqajjem lil mara li kienet waqghet mal-art u l-imputat Joseph Rapa ta' daqqa ta' gebla f'ghajnejn Martin Xerri w ghajnu nfaqghet. Qalet li hi rat dan isehh, u rat wkoll lil imputat Carmel Rapa jaghti zewg daqqiet ta' siggu lil ħuha. Qalet li l-imputat Carmel Rapa ma kellu x'jaqsam ma dan l-incident ghajr li ta zewg daqqiet ta' siggu lil ħuha Martin Xerri, wahda quddiem u l-ohra fuq wara tar-ras u harab jigri. Qalet li s-siggu kien gabu mill-*bar* ghaliex kien hemm hafna siggijiet hemmhekk. Qalet li sussegwentement kienu marru l-pulizija u bdew ikellmu xi nies. Qalet li xi hin lil ħuha Martin Xerri dahhluh xi nies ghandhom u cioe Maria Serafina Zerafa, sabiex idewwih u sakkru l-bibien bl-istanga ghax bezghu minn ta' Rapa.

Illi nhar s-sebgha ta' Settembru 2006 xehed **Joe Cauchi (**fol. 54) fejn qal li hu ghandu l-*bar* tal-Kazin tan-Nazzjonalisti t'Ghajnsielem u dakinhar tal-incident kien mal-*bar* fuq in-naha ta' gewwa. Qal li hu ma ra ebda incident isehh minn gewwa w argumenti hemmhekk ma kienx hemm ghax fil-fatt nies ma kienx hemm. Qal li ghalkemm l-kazin jinsab f'idejh, l-incident sehh quddiem d-dar tal-Kappillan mhux quddiem l-kazin tieghu u fil-bar ma kien hemm xejn, la ghajjat u lanqas swat. Qal li mieghu dak l-hin kien hemm missieru Anthony Cauchi kif wkoll ommu Mary Cauchi li tigi oht Martin Xerri kif wkoll Consiglio. Qal li kien hemm tifel jismu James Said ta' tmintax il-sena. Qal li hu kien ghalaq il-bieb tal-kazin dakinhar ghaliex ra l-glied. Qal li kienu qalulu li kien hemm glieda u meta qalulu hekk, qabad w ghalaq l-bieb. Qal li ma kienx jaf min kien qed jiggieled u peress li hu ma

kellux x'jaqsam ma harisx barra biex jara min kien qed jiggieled. Mistoqsi jekk l-imputati odjerni kienux hemmhekk dakinhar fil-kaz, wiegeb li kienu. Mistoqsi mill-Qorti jekk f'xi hin tahomx xi *drinks*, wiegeb li tahom pero fl-ebda hin ma rahom jitlewwmu ma xi hadd. Qal li l-mara ta' l-imputat Joseph Rapa kienet hemm wkoll, mieghu, tixrob, pero fl-ebda hin ma rahom jiggieldu quddiemu. Qal li dak l-hin, l-*bar* ta' barra kien maghluq u zarmat u meta hu kien gewwa, ma serva lil hadd minn barra. Qal li fil-kazin, fuq il-*club* ta' barra kien hemm Joe Gatt imexxi l-*bar* pero dan telaq ghal habta tas-siegha ta' filghodu u missieru (missier x-xhud) baqa mal-*bar* barra, ghalkemm fil-hin tal-incident l-*bar* kien maghluq. Qal li l-ahhar li rah kien meta serva *drink* mill-*bar* ta' gewwa meta qallu li kien sejjer d-dar, hadlu b'idejh u qallu li kien sejjer jorqod. Qal li dakinhar hu kien ghalaq minhabba l-glieda kif wkoll ghaliex kellu x'jarmaw u wara sar jaf li kien hemm glieda. Qal li meta ghalaq l-bieb, ma kienx rega' fetahlu.

Mistoqsi 'n kontr'ezami jekk rax xi siggu miksur, wiegeb li ma rax u lanqas bricks fuq il-post ma ra.

Illi nhar s-sebgha ta' Settembru 2006 xehdet **Jacqueline Hili (**fol. 56) fejn qalet li tiftakar li dakinhar tal-incident hi kienet bilqeghda quddiem l-kazin tan-Nazzjonalisti meta f'habta w sabta rat mara taqa mal-art u rat li l-affari kienet ser tibda tishon. Qalet li peress li kellha lit-tifel d-*disco* fil-kazin tal-banda, marret ghalih u x'hin irritornat fuq il-post, qalulha li kien sehh incident. Qalet li hi ma ratx l-incident isehh. Mistoqsijja jekk tafx lil mara li waqghet mal-art, wiegbet li tafha bhala Marija Rapa. Qalet li kif waqghet pero ma kienetx taf sew. Qalet li ma gembha kien hemm zewgha wiehed mill-imputati. Qalet li pero kliem bejniethom hi ma semghetx. Ziedet tghid li lil Martin Xerri ratu bilqegha hdejn il-kazin tan-Nazzjonalisti jitkellem ma mara fil-kantuniera u fil-fehma taghha, kien qed igib ruhu sewwa.

Illi nhar s-sebgha ta' Settembru 2006 xehed **Alfred Azzopardi (**fol. 58) fejn qal li jiftakar li dakinhar tal-incident hu kien quddiem l-kazin tan-Nazzjonalisti f'Ghajnsielem pero kien rieqed bis-sakra li kellu fuq siggu

quddiem l-*bar* ‘l isfel hdejn il-bieb tal-hanut. Qal li x’hin semgha xi siggu jhabbat, qam pero nies feruti ma rax. Qal li lil imputati rahom hemmhekk jiggieldu u jithabbtu. Qal li nies feruti ma rax u lanqas dmija ma ra u lanqas nies.

Illi nhar d-dsatax t’Ottubru 2006 xehed **Mariano Hili (**fol. 75) fejn qal li nhar t-tmienja w ghoxrin t’Awwissu 2006, hu kien vicin il-*bar* tal-kazin tan-Nazzjonalisti f’Ghajnsielem bejn s-saghtejn ta’ filghodu w t-tlieta ta’ filghodu. Qal li hu kien xurban bhal kull min kien hemm. Qal li kien jaf li kien hemm argument bejn Joseph Rapa, Martin Xerri w il-mara ta’ Joseph Rapa. Qal li t-tlieta kienu f’xulxin, jargumentaw bejniethom. Qal li hu kien ipprova jikkalmahom tant li Martin Xerri kien laqtu bil-minkeb f’geddumu, ghalkemm ma kienx jaf din d-daqqa kienetx intenzjonata. Qal li wara qam u gie f’sikktu u mar lil hinn fil-pjazza l-Qadima bilqeghda u ma kienx jaf x’gara aktar.

Mistoqsi jekk jafx jekk Martin Xerri giex milqut jew le, wiegeb li dak l-hin m’innota xejn pero jaf li fl-ahhar meta marru l-pulizija x’hin kien hemm l-ambulanza, semgha lil Martin Xerri jghid li ma kien gara xejn. Qal li hu fil-pjazza kien ilu l-gimgha kollha minhabba li kienet l-festa, *socialising* u fil-fatt lanqas induna li kien intlaqat, qalulu n-nies li kien gie milqut. Qal li ma kellux idea la kif gie milqut u lanqas min minn. In kontr’ezami, qal li hu kien mar jikkalmhom meta Joseph Rapa, martu u Martin Xerri kienu t-tlieta f’xulxin.

Illi nhar d-dsatax t’Ottubru 2006 xehdet **Marija Zerafa (**fol. 78) fejn qalet li tiftakar li dakinhar tal-festa t’Ghajnsielem hi kienet bilqeghda fuq bank quddiem d-dar taghha megemb il-kazin tan-Nazzjonalisti fil-pjazza. Qalet li kien hemm l-imputat Joseph Rapa jitlewwem mal-mara peress li allegatament kienet haditlu xi flus u baqghu jillitikaw bejniethom. Qalet li xi hin waqghu fuq s-siggijiet li kien hemm u xorta baqghu jillitikaw bejniethom. Qalet li fid-daqqa w il-hin, hareg Martin Xerri biex jipprova jifridhom u ratu jidhol f’nofshom u jifridhom. <u>Qalet li hi rat lil Joseph Rapa jimbotta lil mara u lil din taqa mal-art ghal darba, darbtejn w ghalhekk hi qabdet u dahlet ‘l gewwa</u>. Kif

spicca ferut Martin Xerri hi ma setghetx tghid. Qalet li sussegwentement hi fethet l-bieb u rat lil Martin Xerri b'hafna demm hiereg minn rasu u li kellu qasma f'rasu w ghalhekk dahhlitu gewwa. Qalet li dan kellu ghajnejh kerha u bdiet ixxarrablu rasu. Qalet li dak l-hin kien hemm Kuntistabbli mara u qaltilha sabiex iccempel lil pulizija. Qalet li Martin Xerri kellu x'oggetti tad-deheb fuqu u qaltlu sabiex ihallihom ghandha u wara marret martu u tathomlha.

Illi nhar l-hmistax ta' Frar 2007 xehed **Brian Muscat (**fol. 101) fejn mistoqsi jekk keinx presenti ghal festa f'Ghajnsielem nhar t-tmienja w ghoxrin t'Awwissu 2006, wiegeb li kien presenti ghal ahhar parti. Mistqosi jekk kienx presenti waqt li sehh x'incident, wiegeb li ma kienx presenti. Qa li dakinhar hu kien ra lil imputat Joseph Rapa b'gebla f'idu u rah jaghti daqqa biha lil Martin Xerri. Qal li ra wkoll lil imputat Carmel Rapa jaghti lil Martin Xerri daqqa ta' siggu. Mistoqsi x'kien qed jaghmel Martin Xerri meta qala d-daqqa bil-gebla, wiegeb li ma jafx ghaliex minn hemm 'l quddiem hu ra mill-glieda. Mistoqsi meta ra lil Martin Xerri jaqla d-daqqa, wiegeb li rah meta kien f'idejn ma Rapa. Mistoqsi fejn qala d-daqqa Martin Xerri, wiegeb li f'wiccu u Martin Xerri wara dak l-hin, baqa f'senish izda sussegwentement qala' daqqa ta' siggu, hareg l-Arcipriet u dahhlu biex idewwih. Qal li Martin Xerri qala d-daqqa ta' siggu fuq rasu meta mien baxxut.

In kontr'ezami qal li l-ewwel darba li rahom, kienu kollha mqabbdin f'xulxin. Qabel ma kienx rahom. Qal li lil Joseph Rapa ma rahx jaqbad xi gebla, raha biss f'idu. Qal li x'hin dahal fuq ix-xena hu, f'idejn Joseph Rapa kienet l-gebla fil-fatt kienet *brick*. Qal li bil-wieqfa rahom imqabbdin f'xulxin. Qal li l-imputat Carmel Rapa ma kienx imqabbad maghhom u fil-fatt gie fuq il-post wara u xejjer d-daqqa ta' siggu.

Illi nhar l-ewwel ta' Novembru 2007 xehed **l-Kirurgu Thomas Fenech (**fol. 135) fejn ikkonferma li huwa minnu li hu kien eżamina lil Martin Scerri ġewwa l-Isptar San Luqa. Qal li hu Konsulent Oftalmologu. Qal li dakinhar hu kien tal-għassa u li Martin Xerri kien mar l-Isptar San

Luqa. Qal li l-ewwel ġie eżaminat mill-assitenti tiegħu. Ikkonferma li Martin Xerri kellu ferita gravi f'għajnejh, l-għajn tiegħu kellha tiċrita kbira u kienet mimlija demm. Qal li effettivament huma operawh biex jaraw setgħux isalvawlu l-għajn u hu kien involut f'din l-operazzjoni. Qal li l-konklużjoni tal-operazzjoni kienet li jgħalqu l-ferita izda l-prognozi kienet wahda tali limita ħafna fis-sens li meta rega' ġie eżaminat minnhom ftit gimgħat wara kkonkludew li hu kien tilef għajnejh ghaliex ma seta' jsir xejn f'dik l-għajn. Qal li d-diżabiltà tiegħu hi waħda totali u hi waħda permanenti.

In kontr'eżami, mistoqsi jispjega kif setgħet ġiet kagunata t-tip ta' ferita li hu kien irriskontra f'din il-persuna qal li tiċrita kif kellu din il-persuna setgħet ġiet kagunata jew minn *blunt trauma* jew minn sikkina. Qal li l-ferita li kellu l-persuna li eżamina kienet tipika ta' *blunt injury* u din t-tiċrita li kellu kienet rizultat ta' daqqa kbira; *high impact injury*. Mistoqsi jekk kinitx daqqa frontali jew minn wara wiegeb li hija difficli biex jirrispondi għal domanda bħal din. Meta gie muri certifikat esebit f'dan l-atti, ix-xhud ikkonferma l-kontenut tiegħu u li dan ġie rilaxxat minnu. Mistoqsi jgħid li d-daqqa li hu rrikonstra kienetx speci ta' *bull's eye* w għalhekk wahda frontali, spjega li ahna għandna l-għadma madwar l-għajn u l-għadma hemm biex tiprotegi l-għajn. Qal li l-*injury* kienet wahda massiva u kbira li l-għajn hadet l-impatt kollu tal-*injury*. Qal li l-għadma 'n kwistjoni ma kinitx ta' protezzjoni għall-għajn. Spjega li l-probabiltà hi li t-tali ferita sehhet minn quddiem però jista' jkun li sehhet ukoll minn wara, ċioé minn kull naħa. Ikkonferma li l-ewwel daqqa ma setgħetx kienet fuq il-kranju. Mistoqsi jgħid jekk il-ferita setgħetx ġiet kagunata minn waqgħa, wiegeb li iva. Zied jghid li jekk ikollok l-isfortuna li tkun waqajt jew imbuttawk u waqajt f'xi rokna ma' xi għamara jew ma' xi bankina *proprju* fuq l-għajn. Qal li jekk meta tkun qed taqa' l-impatt kollu jiġi fuq l-għajn jista' jkollok tiċrita massiva bħal din. Qal li meta hu qal *bull's eye* ried jgħid li l-impatt kien kompletament fuq l-għajn. Qal li fil-fatt, l-għadma ta' madwar l-għajn ukoll intiefset, però l-maġġoranza tal-*blow* kienet fl-għajn. Qal li materjal li huwa nvolut f'din il-kwistjoni jista' jkun kbir daqs il-kappell ta' l-għajn.

Illi nhar l-wiehed u tletin ta’ Jannar 2008 xehed **Steve Cutajar (**fol. 141) fejn ikkonferma li dakinhar ta’ l-inċident kien hemm il-festa ta’ Għajnsielem, it-tmienja u għoxrin ta’ Awissu. Ikkonferma li hu kien il-każin ta’ Għajnsielem. Mistoqsi min kienu hemmhekk jgħid li ma jiftakarx però kien hemm nies oħrajn fosthom Martin Xerri, u li kien hemm wkoll Joseph Rapa, u Marija mart Joseph Rapa kienet hemm ukoll kif wkoll kien hemm ukoll Carmel Rapa. Mistoqsi jekk kienx hemm Loreta wiegeb li ma kienx jaf. Qal li hu ma kienx ilu hemm però qabel ma sehh l-inċident. Qal li hu ma jixrobx, ċioé ma kienx qed nixrob. Qal li setgha kien il-kaz li Loreta kienet hemm però ma ftakarx. Qal li dawn in-nies li semma kienu jixorbu dakinhar, inkluz Martin Xerri kien qed jixrob dakinhar. Ikkonferma li Marija Rapa dakinhar kienet xurbana u li bdiet taqa’ mal-art waħidha wkoll. Mistoqsi kif beda l-argument bejn Joseph Xerri u Joseph Rapa wiegeb li ma jiftakarx. Qal li hu ra lil Martin Xerri jimbotta lil Joseph Rapa u li sa dak il-ħin Joseph Rapa kien għadu m’għamillu xejn lil Martin Xerri. Ikkonferma li Joseph Rapa huwa ħafna ikbar minn Martin Xerri, fil-fatt Martin Xerri għandu xi tlieta u erbgħin jew ħamsa u erbgħin u huwa wkoll itwal minn Joseph Rapa. Qal li meta fil-fatt Martin Xerri beda jimbotta lil Joseph Rapa beda jgħidlu, “*lili ħallini għax m’inhix ta’ t’imparek*.” Ikkonferma li Martin Xerri mbotta kemm lil Joseph Rapa kif ukoll lil martu u waqqagħhom it-tnejn mal-art, però meta Martin Xerri waqqa’ lil Joseph Xerri mal-art, x’beda jagħmel u x’beda jgħidlu eżatt ma ftakarx. Qal li jaf ukoll li meta Martin Xerri waqqa’ lil Joseph Rapa mal-art, beda jaghtih bil-ponn waqt li Rapa kien mal-art. Qal li darba minnhom rassu b’siġġu mal-art biex ma jqumx.

Qal li Joseph Rapa kien qed jillatika ma’ martu waqt li kienu t-tnejn fis-sakra u Martin Xerri mar w imbuttahom it-tnejn mal-art. <u>Qal li x’ħin kien mal-art Martin Xerri, rassu bis-siġġu u tah bil-ponn u kien dak il-ħin li Joseph Rapa ta daqqa lil Martin Xerri f’wiċċu u laqtu f’għajnu</u>. Qal li kien f’dak il-mument li Carmelo Rapa ġie minn wara u li meta Carmelo Rapa ta daqqa lil Martin Xerri fuq wara ta’ rasu, Martin Xerri ma kienx fuq Joseph Rapa mal-art; kien qam

diġà. Qal li ma kinux qed jagħtu lil xulxin lanqas. Zied jghid li x'ħin Joseph Rapa ta daqqa ta' *brick* lil Martin Xerri, Martin għotor, reġa' qam, imbagħad qala' daqqa ta' siġġu mingħand Carmen Rapa. Qal li dan kollu ġara fi ftit sekondi. Ikkonferma li Martin Xerri kien fis-sakra dakinhar, però Martin Xerri dakinhar sewwa kellmu lilu. Ikkonferma li dak li xehed fis-sebgħa ta' Settembru kien kollu minnu u li dakinhar Martin Xerri mar jilqa' lil Joe Rapa f'nofs ta' triq. Ikkonferma wkoll li kien Martin Xerri li qabad lil Joe Rapa u martu u tefagħhom 'l hemm w Joseph Rapa ma riedx joqgħod mal-art w għalhekk Martin Xerri beda jissussah bis-siġġu. Qal li Joseph Rapa ma riedx joqgħod mal-art għax ma riedx min jissikkah mal-art bis-siġġu. Ikkonferma li Martin Xerri beda jżomm lil Joseph Rapa mal-art bis-siġġu u jaghtih bil-ponn f'rasu, tah xi tnejn jew tlett daqqiet f'rasu. Ikkonferma li dak li xehed dakinhar kien iktar viċin l-inċident. Qal li kien jiftakar iktar milli jiftakar illum. Zied jghid li hu dawwar rasu bid-daqqa li qala' Carmel Rapa u Carmel Rapa laqat lil Martin Xerri f'rasu bid-daqqa.

Illi l-**imputat Carmel Rapa** kien ghazel li ma jirrispondi ghall-ebda domanda li saritlu waqt l-istatment ghalkemm nhar t-tnax ta' Mejju 2008 ghazel li jixhed viva voce l-Qorti (fol. 153) u spjega li hu ma jahdimx ghaliex kien *boarded out*. Qal li hu kien jokkupa l-kariga ta' *restaurant manager* fl-Imgarr Hotel u qabel fil-Hotel Ta' Cenc. Qal li lil Joseph Rapa, il-ko-akkużat, jafu, jiġi mill-istess raħal u jiġu minn xulxin mill-bogħod. Qal li lil Martin Xerri kien jafu għax ukoll jiġi mill-istess raħal. Spjega li dakinhar tal-inċident kienet il-festa tal-Madonna ta' Loretu ta' Għajnsielem u kien iltaqa ma' Martin Xerri dakinhar fuq iz-zuntier tal-knisja. Qal li fil-fatt kien hu li għajjatlu sabiex jieħdu xi ritratt flimkien peress li kienu ħbieb, kif ukoll magħhom fir-ritratt kien hemm ħuħ għax iżomm mal-istess *team* tal-*football*, kif ukoll ir-ragel ta' oħtu. Qal li mbagħad bdew jitkellmu u sussegwentement telaq. Qal li sussegwentement marru fil-pjazzetta quddiem il-każin u hemmhekk kien hemm ħafna nies, fosthom kien hemm il-ko-akkużat Rapa u martu, kif ukoll Martin Xerri.

Qal li meta mar hemmhekk kienu għal ħabta tal-hdax u nofs  ta’ filghodu u deherlu li Rapa u l-mara ma kienux normali, kienu jiżfnu, kienu jargumentaw u kienu ilhom sejrin hekk.  Qal li fil-fehma tiegħu deherlu li kienu xurbana.  Qal li hin minnhom Martin Xerri daħal fejn il-ko-akkużat u martu u hu ra lil Martin Xerri jaqbad lil Rapa, jaqbdu u jitfgħu f’nofs ta’ triq mal-art. Spjega li fil-pront qabżu xi nies fuq Martin Xerri u qabduh minn spalltu min kien qed iżommu, tefgħu lura u min kien ma’ ġenbu ġie milqut minnu. Qal li sussegwentement Martin Xerri mar mal-bank w ikkalma u Rapa qam minn mal-art u rega’ mar ma genb il-mara.  Qal li meta Rapa wasal ħdejn il-mara tiegħu, Martin Xerri rega’ mar fejn dawn it-tnejn u Rapa qallu għax semghu  “*m’inhix ta’ idejk; ħallini, u mur sib ta’taimparek.*”

Qal li Rapa fil-fatt huwa raġel anzjan filwaqt li Martin Xerri huwa persuna li ghandu statura kwazi doppja ta’ dik ta’ Rapa.  Qal li meta Rapa qallu li ma kienx ta’ idejh lil Martin Xerri, dan qabad xejjer idejh u Martin Xerri tefa’ kemm lil Rapa u lil martu mal-art.  Qal li x’ħin kienu ma’ l-art Martin Xerri tbaxxa u beda jagħti bil-ponn lil Rapa.  Qal li hu kien bogħod minnhom, tul din is-sala, jekk mhux iżjed.  Qal li dak il-ħin hu kien sejjer lejn id-dar iżda meta semaghhom jillatikaw bejniethom Martin Xerri tbaxxa u beda jagħti bil-ponn lil Rapa dan qam, qabad siġġu, rassu fuq Rapa biex ma jqumx minn mal-art.  Qal li fil-fatt sakkar lil Rapa milli jiċċaqqlaq billi poġġielu s-siġġu fuq ġenbu. Qal li meta ra lil Rapa ried iqum u ma jistax, hu (ix-xhud) qam, ta s-salt biex ineħhi s-siġġu minn quddiem.

Qal li Martin Xerri kien quddiemu (quddiem ix-xhud) w is-siġġu kien fuq Rapa, w ghalhekk x-xhud ta salt biex jaqbad lil Martin Xerri però ma laħaqx qabdu.  Zied jghid li hu qabad siġġu minn wara, xejjru fuq Martin Xerri, bid-daqqa Martin Xerri ħares lura, għamel żewġ passi lura, u hu (ix-xhud) poġġa s-siġġu mal-art u telaq id-dar.  <u>Qal li hu dehrlu li kellu jagħti daqqa bis-siġġu għax meta ra bniedem mal-art, anzjan, iferfer, jipprova jqum u ma setax, deherlu li kellu jintervjeni, mhux se jħallihom hemmhekk</u>. Qal li kien hemm nies oħra li żammewhom.  Fil-fatt, zied jghid ix-xhud, kien hemm il-kuġin u ħbieb tagħhom però

ma żammewhomx. Qal li pprova johodlu s-siġġu però ma rnexxilux. Qal li dehrlu li la kien hemmhekk xi ħaġa kellu jagħmel. Qal li dahal fil-kwistjoni sabiex jipproteġi lil Rapa ghaliex hu u Martin Xerri kienu ħbieb. Qal li effettivament dakinhar stess Martin Xerri kellu xi argument shun ma' ta' Zerafa, però mbagħad kien ikkalma. Qal li fil-fatt kien hadlu b'idejh u qallu, "*you must look forward*" u dan irrispondih "*lili ħadd ma qalli hekk*," u hu (ix-xhud) qallu bonswa u telaq 'l hemm. Qal li meta ra l-ġlied deherlu li kellu jieqaf. Qal li Martin Xerri ma kienx fis-sakra daqs Rapa iżda kien *high* bil-mod kif agixxa fis-sens li jitfa' in-nies minn fuqu, jitfa' s-siġġu. Qal li dan kien l-involviment tiegħu u li l-Pulizija ma kienx hemm għax laħqu marru.

In k<u>ontr'eżami,</u> qal li hu statement lill-pulizija ma rrilaxxjax. Qal li hu ma kienx xurban dakinhar u li ma jixrobx u kien jaf eżattament x'kien qed jagħmel. Qal li fl-ebda ħin ma ra lil Rapa jiġġieled mal-mara però kienu qed jargumentaw u jimbuttaw lil xulxin u li qatt ma rah fl-ebda ħin isawwatha. Qal li veru li kien Martin Xerri li kien daħal bejniethom, qabad lil Rapa u tefgħu ma' l-art. Cahad li ħadu barra; kienu t-tnejn barra, fil-fatt kien fejnhom, però ma żammhomx. Qal li fil-fatt Martin Xerri mhux imbuttah lil Rapa izda qabdu u tefgħu f'nofs ta' triq. Qal li fl-ebda ħin ma ra lil Martin Xerri jerfa' lil mara ta' Rapa minn mal-art u sar jaf li Martin Xerri laqqat daqqa ta' *brick* mingħand il-ko-akkużat stess 'il għada. Qal li kieku ma kienx jidħol fiha l-affari. L-imputat <u>ikkonferma bil-ġurament li fl-ebda ħin ma ra lil Joe Rapa jagħti daqqa ta' *brick* lil Martin Xerri</u>. Cahad li hu (l-imputat) taha d-daqqa ta' siġġu lil Martin Xerri, tathielu waqt li huwa kien nieżel mal-art meta Martin Xerri kien qed iżomm lil Rapa b'siġġu ieħor mal-art; u hu pprova jeħodlu s-siġġu. <u>Qal li s-siġġu qabdu u xejjru u laqtu f'rasu però ma niżilx mal-art bid-daqqa li hu kien tah</u>. Qal li hu pogga s-siġġu mal-art u telaq 'l hemm. Qal li d-daqqa tathielu fuq in-naħa ta' wara ta rasu. Mistoqsi jekk għandux viżjoni tajba fis-sens li jara l-istess miż-żewġ għajnejn, wiegeb li hu jara mill-għajn ix-xellugija; mill-għajn il-leminija ma jara xejn w ghandu *impaired vision*.

**L-imputat Joseph Rapa** ghazel li ma jixhidx ghalkemm kien irrilaxja *statement* b'mod volontarju a tempo vergine

tal-investigazzjoni nhar it-tmienja w ghoxrin t'Awwissu 2006 u cioe l-ghada tal-incident. Mistoqsi jispjega dak li kien gara fl-incident ighid li huwa kien qed jixrob hdejn il-Kazin tan-Nazzjonalisti t'Ghajnsielem u f'hin minnhom marret il-mara tieghu fuqu u talbitu il-flus u huma xtaqx jaghtiha ghaliex ma riedx li tonfoq izjed u din bdiet tghajjat. Imbaghad ighid li gie Martin Xeri u tefa' lilu u lil mara mal-art u kull meta pprova jqum rega' beda jmur ghalih. Jghid li huwa bezgha minnu u telaq lejn il-Knisja il-Qadima. Martin Xerri rega' mar ghalih u qallu biex ihallih waqt li Martin Xerri wiegbu li jrid joqtlu. Imbaghad qabad *brick* minn mal-art u tahielu f'mohhu ghaliex dak il-hin jghid li kien ser jaqbdu minn ghonqu. Mistoqsi jekk effettivament d-daqqa tahielux f'ghajnu jghid li le, d-daqqa tahielu f'mohhu. Mistoqsi jekk kienx hemm xi hadd iehor involut fil-glieda jghid li sema' li kien hemm Karmnu Rapa. Mistoqsi jekk sofriex xi griehi jghid li kellu daqqa fuq rasu biss. Mistoqsi jekk verament intefghux xi siggijiet jghid li ma jafx. Mistoqsi jekk kienx xorob jghid li iva kien xorob "sewwa". Mistqosi minn fejn gab il-*brick* ighid li gabha minn naha tal-pjazza, w ghalhekk mistoqsi jekk kienx mar lura fejn kien Martin Xerri jghid li iva hekk ghamel sabiex imur lura d-dar.

Dan l-i*statement* ma giex ikkonfermat bil-gurament pero lanqas ma gie michud w ghalhekk jikkostitwixxi prova fil-konfront ta' dan l-imputat u l-Qorti sejra tirrimarka dwaru aktar tard.

Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi din il-kawza titratta incident li sehh nhar it-tmienja w ghoxrin t'Awwissu 2006 ghal habta tas-saghtejn neqsin kwart ta' filghodu fil-piazza t'Ghajnsielem waqt il-festa tar-rahal. Inqalghet glieda bejn minn naha wahda l-imputati u minn naha l-ohra l-vitma Martin Xerri. Martin Xerri spicca midrub u tilef il-vista t'ghajnejh. Martin Xerri allega li l-imputat Joseph Rapa tah daqqa ta' *brick* fuq ghajnu u tilef id-dawl minnha filwaqt li l-imputat Carmel Rapa tah daqqa ta' siggu fuq rasu. L-imputat Jospeh Rapa ighid li kien Martin Xerri li pprovoka l-incident waqt li l-imputat Carmel Rapa jghid li agixxa in legittima difesa.

Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li ghandha taghmel referenza ghal posizjoni legali dwar dawn iz-zewg difizi.

Issa, kif hu ben saput fis-sistema gudizzjarja nostrana, sabiex tigi radikata htija tal-imputat ghal feriti gravi, hija bizzejjed l-intenzjoni generika li jikkawza xi offiza fuq il-persuna tal-ferut. Il-ligi trid principalment, tikkastiga u tiddiswadi l-uzu t'aggressjoni fizika bhala reazzjoni ta' persuna ghal komportamenti u disappunti riskontrati fir-relazzjonijiet socjali u huwa hati ta' reati ta' offiza fuq il-persuna, kull wiehed li jikkawza feriti fuq haddiehor.

Fil-ligi taghna, ai fini ta' reati ta' offiza voluntarja fuq il-persuna, hi mehtiega l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara. Jekk l-intenzjoni tal-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hi zghira, din il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu jrid iwiegeb ghal konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta t'ghemilu.

Id-difiza, eccepiet l-legittima difesa kif kontemplat fl-artikolu 223 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe li:-

"*Ma hemmx reat meta l-omicidju jew l-offizi fuq il-persuna huma ordinati jew permessi mill-ligi, jew mill-awtorita legittima, jew mehtieg mill-bzonn attwali tad-difiza legittima ta' wiehed innifsu jew ta' haddiehor.*"

L-artikolu 224 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, jsemmi certi kazijiet [li taht l-ebda immaginazzjoni hi ezawrjenti] ta' necessita attwali ta' difiza legittima. Dawn il-kazijiet huma biss ezempji.

Jigi rilevat li d-dritt ghal legittima difisa, jittiehed u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fondamentali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu, anke bl-uzu tal-forza. Izda l-ligi timponi certi kondizzjonijiet sabiex din l-eccezzjoni tigi milqugha, cioe t-theddid a'xi aggressjoni jew dannu jew perikolu irid ikun gust, gravi u inevitabbli.

Fil-fatt **l-Imhallef Harding** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Attard** ***deciza fil-hdax ta' Novembru, 1968*** jghid:

"*L-estremi tal-legittima difesa ma jistghux jigu ndikati ahjar milli bil-formula klassika tal-Carrara li l-perikolu hemm bzonn li jkun ingust, gravi w inevitabbli. Skritturi ohra m'ghamlux hlief elaboraw dan l-element.*"

Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi, li jekk jaffettwaw ruhhom, jikkagunaw hsara rreparabbli lid-difensur, jigifieri hsara jew offiza fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur.

L-imputat irid jipprova li dak li ghamel, ghamlu stante li fl-istat psikologiku li kien jinsab fih f'dak il-mument, biex jevita xi perikoli li ma setghux jigu evitati b'mod iehor. Jigifieri l-perikolu ghandu ikun attwali, istantanju u assolut u ma jridx ikun xi perikolu anticipat. Il-perikolu ghandu ikun attwali, ta' dak il-hin u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel ghax dan jista jaghti lok ghal provokazzjoni u mhux legittima difesa. Il-perikolu irid ikun assolut cioe li f'dak il-mument li kien qed jsehh, ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor. Izda hawnhekk ghandu jigi applikat t-test soggettiv kif diversi awturi u sentenzi tal-Qrati dejjem specifikaw u mhux bizzejjed li wiehed jghid x'setgha ghamel jew xi jmissu ghamel d-difensur (imputat) qabel ma ha l-azzjoni in difesa bl-uzu tal-forza. Fil-fatt kif jghid il-**Professur Mamo:-**

"*The danger against which the accused reacted should be viewed not necessarily as it was in truth and in fact, but rather as the accused saw it at the time.*"

Fl-ahhar nett irid jigi wkoll nnutat li biex imputat ikun jista jigi gustifikat ghal kollox fid-difiza legittima, huwa m'ghandux jaddotta metodi li huma in eccess jew sproporzjonati ghall-aggressjoni jew minaccja ta' perikolu.

Fil-fehma tal-Qorti, ma jidhirx li kien hemm xi perikolu gravi, mminenti jew inevitabbli. Kien hemm semplici argument ghaddej bejn l-imputat Carmel Rapa u martu

Marija ghaliex huwa ma ridtx li hija tonfoq aktar flus w ghalhekk Martin Xerri ndahal biex iferraqhom milli jkomplu jiggieldu.

L-imputat wera’ certa aggressivita fl-ghemil tieghu billi mar ifittex *brick* u ta daqqa biha f’ghajn Martin Xerri filwaqt li meta ra hekk, l-ko akkuzat Joseph Rapa, qabad siggu u beda jaghti daqqiet f’ras Martin Xerri.

Ghal dak li jikkoncerna lil imputat Carmelo Rapa, l-Qorti m’ghandhiex diffikulta wara li semghatu jixhed viva voce il-Qorti, li fil-konfront tieghu zgur li m’hemmx provokazzjoni jew *self defence* ghaliex huwa jghid li mar wara Martin Xerri u tah daqqa ta’ siggu; qatt ma qal li agixxa hekk sabiex jiddefendi lilu nnifsu minn xi aggressjoni ta’ Martin Xerri. Jghid li huwa ha is-siggu minn idejn Martin Xerri meta dan ken qed izomm lil ko-akkuzat ma l-art u tah bih.

Din il-versjoni pero ma hija konfermata minn hadd. Jghid pero li meta ghamel hekk, kien hemm in-nies, pero dawn in-nies fl-ebda hin ma gew prodotti biex jixhdu.

Stramba wkoll dak li jghid, li wara li tah daqqa ta’ siggu, mar ‘l hemm.

Il-Qorti hija aktar propensa temmen il-versjoni kif moghtija minn Brian Muscat, xhud independenti, li ighid li ra lil Carmel Rapa jaghti bis-siggu lil Martin Xerri dritt wara li rah jaqla daqqa ta’ *brick* minghand Joseph Rapa.

Ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma li l-imputat Carmel Rapa agixxa proprju f’dak il-mument meta Martin Xerri kien midrub.

Filwaqt li fil-konfront tal-imputat Joseph Rapa, l-Qorti rat id-deposizzjoni moghtija minnu u temmen li verament huwa kellu xi jghid mal-mara tieghu Marija u li Martin Xerri ndahal sabiex jipprotegi lilha.

Stramba pero li din il-mara qatt m’ingiebet tixhed la mill-prosekuzzjoni u lanqas mid-difiza, meta l-incident inqala proprju minhabba fiha.

Jirrizulta bic-car li l-vittma Martin Xerri qala d-daqqiet li qala minhabba li huwa mar iferraq. Vera jista ikun li f’xi hin setgha kien qawwi fl-atteggjament tieghu, pero zgur mhux tali li jiggustifika lil Joseph Rapa jaghtih daqqa f’ghajnejh bi *brick*.

L-imputat Joseph Rapa jghid li laqtu f’rasu pero l-Oftalmoogu Thomas Fenech jikkonferma li Martin Xerri qala d-daqqa f’ghajnejh u bhala rizultat tilef l-vista ghal dejjem minnha. Ikkonferma li din il-ferita gravi giet bhala rizultat ta’ trawma.

Ghalhekk huwa l-imputat Joseph Rapa li huwa responsabli ghal din il-ferita gravi filwaqt li l-imputat Carmel Rapa huwa responsabbli ghal feriti l-ohra li saru f’ras Martin Xerri u dawk ta’ natura hafifa kif deskriti minn Doctor Marlene Attard.

Lanqas ma l-Qorti tara li l-imputat Joseph Rapa agixxa taht l-influwenza ta’ passjoni stantanea jew agitazzjoni tal-mohh li minhabba fiha, filwaqt tad-delitt, ma setghax iqis l-ghemil tieghu kif kontemplat fl-artikolu 227(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta kif sollevat mid-difiza.

Id-difiza sostniet wkoll bla pregudizzju ghad-difiza l-ohra mressqa minnha, li l-imputat Joseph Rapa agixxa taht provokazzjoni.

Issa, l-artikolu 227(c) jiddisponi li l-omicidju (u bl-applikazzjoni tal-artikolu 230(b) tal-Kap 9 japplika wkoll f'kazijiet ta' griehi, kazijiet ta' offizi voluntarju fuq il-persuna) huma voluntarji u skuzzabbli.

"*Meta jsir minn persuna filwaqt li tkun taht l-influwenza mmedjata ta' passjoni istantanja jew agitazzjoni tal-mohh li minhabba fiha, filwaqt tad-delitt, ma tkunx tista tqis l-eghmil taghha."*

Pero dan l-artikolu jkompli jispjiega li:-

"*Sabiex l-akkuzat jitqies li ma kienx jista jqis l-eghmil tieghu, jinhtieg, fil-kazijiet ta' provokazzjoni, li fil-fatt l-omicidju (jew l-offizi) jkun sar minhabba sahna ta' demm u mhux ghaliex kien hemm il-hsieb maghmul tal-qtil ta' persuna jew ta' hsara gravi fuq il-persuna, u li r-raguni tal-provokazzjoni kienet tali li f'mument ta' temperament ordinarju, komunement igib l-effett li ma jkunx kapaci li jqisu l-konsegwenzi tad-delitt.*"

Sabiex ssir interpretazzjoni tajba ta' dan l-artikolu jinhtieg li ssir attenzjoni partikolari ghal kliem tal-ligi.

Meta l-iskuza ta' passjoni stantanja kienet qed tigi proposta biex ssir difiza fil-Kodici Kriminali, **Sir Andrew Jameson** oppona bil-qawwa tant li qal is-segwenti:-

"*The exercise of instantaneous passion seems to be so dangerous among a southern race and so contrary to the sound principles of criminal responsibility that I cannot recommend it to be retained in the prepared code without great modification.*"

**Sir Andrew Jameson** ghalkemm qabel ma guristi ta' diversi pajjizi li tesisti differenza bejn omicidju kommess taht passjoni stantanja u omicidju kommess b'mod volut u deliberat, hass il-htiega li din l-iskuzanti tigi ammessa fil-ligi taghhom b'diversi verifiki *on such outbreaks of brutal violence of temper* w appuntu ghalhekk li llum ghandna l-artikolu 227(c); sabiex persuna tkun tista tigi kunsidrata nkapaci li tifforma l-hsieb jekk jeziztu certi cirkostanzi.

L-ewwel nett l-omicidju jew offiza trid tkun risultat tas-sahna ta' demm tal-mument u mhux rizultat ta' intenzjoni specifika ta' qtil jew ta' hsieb li tikkawza offiza lil persuna.

Fit-tieni lok, il-provokazzjoni trid tkun tali, li f'nies ta' temperament normali w ordinarju, ma jkunux jistghu jqisu l-konsegwenzi tar-reat.

Din t-tieni konsiderazzjoni trid tigi spjegata fic-car billi gie tenut li t-test li jrid jigi applikat sabiex jigi ppruvat li l-provokazzjoni kienet tali li tnehhi s-*self control* ta' bniedem normali, cioe bniedem ta' temperament ordinarju.

Min hu bniedem normali jew bniedem li ghandu temperament normali, hija kwistjoni ta' fatt li hija difficili tistabilixxi.

Ghalhekk kif sewwa ndirizza lil gurati l-Imhallef fil-guri **Repubblika ta' Malta v Martin Galea** li gie deciza mill-Qorti Kriminali fl-ewwel ta' Settembru, 1982, t-test li jrid jigi addottat hu mhux dwar x'tip ta' persuna partikolari jrid jigi gudikat, jew ta' karattru tal-persuna, imma jekk persuna ta' temperament normali fic-cirkostanzi li jinstab fihom kienx ikun inkapaci li jqis l-konsegwenzi tal-azzjoni tieghu. Ghalhekk mhux qed niehdu bniedem *cold blooded*, izda bniedem komuni u normali fil-gisem u fil-mohh.

Fit-tielet lok fl-artikolu 227(c) l-ligi ma tispecifikax x'tip ta' provokazzjoni jrid ikun hemm bhal ma jistqarr l-artikolu 227(a) cioe ferita gravi.

Ghaldaqstant minhabba dan n-nuqqas, jispetta lil gudikant jezercita l-gudizzju savju tieghu dwar x'hinu l-kawza ta' provokazzjoni.

Ghalhekk salv ghall-eccezzjonijiet naxxenti mill-ligi stess u cioe mill-artikolu 229:-

"*Kull fatt, ikun xi jkun, li jinduci passjoni subitanea jew eccitament mentali bhala rizultat, l-agent huwa fil-mument tal-qtil inkapaci li jirifletti huwa bizzejjed basta pero l-kundizzjonijiet imsemmija aktar 'l fuq gew sodisfatti.*"

Fil-fatt il-**Professur Mamo** fin-noti tieghu taht t-titolu ***Crimes from sudden passion*** - pg. 121 jghid:-

"*That sudden passion so disturbs that balance of the mind and so agitates the emotions that a person acting in these circumstances, cannot form a clear and definite intention to commit a particular crime, or at any rate it must always*

*remain doubtful whether his acts were directed to one crime rather than to another, whether they represented the end of the offender, rather than the commencement of the execution of a more serious crime.*"

Fir-raba lok, il-Qorti taghmel referenza ghall-artikolu 235 tal-Kap 9 u cioe li ma jiswewx lil hati il-provokazzjonijiet imsemmija fl-artikoli fuq citati u cioe 227 u 230 meta ma jkunux saru filwaqt tal-azzjoni li taghha jingiebu bhala skuza.

Fi kliem iehor ghalhekk huwa necessarju *sine qua non* li l-qtil jew l-offizi saru mmedjatament wara u fuq l-provokazzjoni tal-vittma. Ghaliex f'kaz li hemm bizzejjed hin sabiex il-passjoni tonqos jew tibred u ghalhekk bizzejjed hin sabiex l-agent jerga jigi f'tieghu fis-sens li ma jkunx f'sahna ta' demm, allura m'hemmx din il-provokazzjoni izda ikun hemm tpattija voluta.

**Glanville Williams** fit-***Textbook of Criminal Law*** - pg, 479 jghid:-

"*Killing in provocation is a kind of killing in revenge but we refrain from calling it that. The term 'revenge' is used for retaliatory action that is planned and cold blooded. Provocation refers to the heat of the moment.*"

Id-definizzjoni klassika tal-kelma *'provocation'* giet mehuda mill-indirizz moghti mill-**Imhallef Derlin** fl-Ingilterra fil-kawza ***R v Duffy*** (1945) fejn qal:-

"*Provocation is some act or series of acts done by the dead man to the accused which would cause in any reasonable person and actually causes in the accused, a sudden and temporary loss of self control rendering the accused so subject to passion as to make him for the moment not master of his mind.*"

Illi bir-rispett kollu f'dan il-kaz, veru jista jaghti l-kaz li l-imputat Joseph Rapa kien kien qed ihossu umilljat li Martin Xerri ndahal sabiex iferqu minn ma martu jew jindahal fil-kwisjtoni matrimonjali li kellhom, pero zgur ma

jistghux jitqiesu li jammontaw ghal provokazzjoni li trid il-ligi.

Jirrizulta li fil-fatt Martin Xerri qala id-daqqa kif tajjeb osservat Mary Zerafa meta proprju kien qed ighin lil Marija Rapa tqum minn mal-art u kien baxxut.

Ghalhekk prorpju f'dak il-hin, zgur li ma jistax jinghad li kien hemm xi biza, izda agixxa bi tpattijja.

Ghalhekk **l-Qorti qed <u>issib</u> lil imputati Joseph Rapa hati talli kkaguna feriti gravi ai termini tal-artikolu 218(1)(a) fuq il-persuna ta' Martin Xerri, talli qabad oggett iebes u hebb ghall-istess Martin Xerri u talli kiser il-paci pubblika filwaqt li <u>ma ssibx</u> lil imputat Carmel Rapa hati talli kkaguna ferita ta' natura gravi pero <u>ssibu hati</u> talli kkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Martin Xerri, talli hebb b'oggett iebes ghal Martin Xerri u talli kiser il-paci pubblika.**

**Il-Qorti** ghalhekk rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikoli 49, 50, 218, 338(dd) u 339(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ai fini ta' piena w ikkunsidrat is-segwenti:

**Fil-konfront ta Joseph Rapa:-**

1. Il-fedina penali esibita a fol. 4 et seq minn fejn jirrizulta li l-imputat ghandu diversi *convictions* registrati fosthom anke li kkawza feriti ta' natura gravi fuq il-persuna, proprju f'wicc Carmelo Grech u ghalhekk zgur li ma jistax jitqies li huwa ghandu fedina tajba;

2. Il-fatt li bil-ferita li kkawza fuq Martin Xerri, l-istess Martin Xerri tilef il-vista t'ghajnejh ghal dejjem u donnu l-imputat m'ghandu l-ebda rimors ghal dan.

Ghalhekk il-piena idoneja hija dik ta' prigunerija effettiva.

**Filwaqt li fil-konfront ta' Carmel Rapa:-**

Il-Qorti qiset is-segwenti:-

1. Il-fedina penali tieghu esebita a fol. 8 li ghandha registrata zewg *convictions* ta' protata zghira li saru fis-snin 1986 u 1993.

2. Il-fatt li huwa kkaguna ferita ta' natura hafifa u mhux gravi bhal ko-akkuzat.

Hu appuntu ghal din id-differenza fil-konsiderazzjoni tal-piena li l-Qorti sejra tinfliggi piena differenti ghal ko-akkuzati.

Ghalhekk **il-Qorti wara li tiddikjara li qed issib lil imputati JOSEPH RAPA u CARMEL RAPA hatja tal-akkuzi kif fuq spjegat aktar 'l fuq, tiddeciedi li tikkundanna lil imputat Joseph Rapa ghal piena karcerarja ta' sentejn u nofs u lil imputat Carmel Rapa ghal hlas ta' multa ta' hames mitt euro (euro 500).**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------